EUCPN
EUROPEAN CRIME PREVENTION NETWORK

SFAXXATUR TAL-MITI

# AVVIŻ, DAN IL-MESSAĠĠ JISTA' JIDDISTURBAK...

...iżda xorta bqajt taqra, hux? L-istess jiġri fl-inizjattivi tal-prevenzjoni tal-kriminalità li javżaw lin-nies dwar il-konsegwenzi potenzjali tal-imġiba tagħhom, kemm bħala delinkwent jew bħala vittma. Fir-realtà, tattiċi bbażati fuq il-biża huma komuni fil-prevenzjoni tal-kriminalità u s-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji u l-ħsarat potenzjali huma preżunti li jiskoraġġixxu lin-nies minn dak l-aġir partikolari. [1] Madankollu, dan mhuwiex dejjem il-każ. Fil-fatt, jista' saħansitra jkun kontroproduttiv. Tal-biża', hux veru?



# IT-TBEŻŻIEGĦ TAN-NIES BIEX JAĠIXXU AĦJAR

Dan jiġi f'ħafna suriet u għamliet differenti, li jvarjaw minn żjarat fil-ħabs b'mod konfrontattiv, sa approċċi iktar edukazzjonali u bbażati fuq fatti għal programmi bl-użu ta' teknoloġija moderna sabiex tiġi rappreżentata l-esperjenza ta' arrest jew punizzjoni, iżda l-idea hija l-istess: li n-nies jiġu kkonfrontati bl-agħar riżultat possibbli għal kieku kellhom iwettqu reati u l-biża' minn dan iġiegħlhom jobdu l-liġi. Madankollu, it-theddid lin-nies b'konsegwenzi bħal dawn jista' jkollu l-effett oppost, kif se nargumentaw hawn, u min-naħa tiegħu jipproduċi l-imġiba speċifika li għandu l-intenzjoni li jimpedixxi.

## SENSIBILIZZAZZJONI

Il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni huma komuni fl-inizjattivi tal-prevenzjoni tar-reati kriminali. L-idea hija sempliċi u faċli biex tiġi prodotta, iżda ma hemmx wisq evidenza għaliha. It-tattiċi tat-tbeżżiegħ spiss jintużaw flimkien ma' sforzi għas-sensibilizzazzjoni. Fehim ikbar ta' problema speċifika u r-riskji potenzjali huwa preżunt li jħeġġeġ lin-nies biex jaġixxu bil-mod mixtieq. Din tidher li hija soluzzjoni għal diversi problemi kriminali. Madankollu, li sempliċiment ikunu konxji tar-riskji ma hijiex effettiva bħala soluzzjoni.

Interessat dwar kif issir il-prevenzjoni tar-reati kriminali b'mod effettiv permezz tas-sensibilizzazzjoni? Agħti ħarsa lejn dawn il-pubblikazzjonijiet u agħmlu parti minn approċċ ikbar u integrat.

> Toolbox "Il-Prevenzjoni tal-Vittimizzazzjoni tal-Minuri fl-Età Diġitali: Sensibilizzazzjoni u Tibdil fl-Imġiba" https://eucpn.org/toolbox15-victimisation

> Sfaxxatur tal-Miti "Is-sensibilizzazzjoni qatt ma tweġġa', hux veru?" https://eucpn.org/mythbuster-awarenessraising

Ejja nieħdu "Scared Straight" pereżempju, li forsi hija l-iktar inizjattiva notorja għall-prevenzjoni tal-kriminalità li teżisti. Oriġinarjament ġiet iddiżinjata minn ħabsin Amerikani li qiegħdin jgħixu sentenza ta' għomorhom il-ħabs li xtaqu jagħtu xi ħaġa lura lill-komunità, din tieħu liż-żgħażagħ fuq żjara f'ħabs. L-għan huwa li tippermettilhom jesperjenzaw kif jista' jidher il-futur tagħhom jekk jagħżlu ħajja ta' kriminalità. Filwaqt li jiġu ggwidati madwar il-post minn ħabsin aggressivi verbalment u anke fiżikament *u* gwardjani, hemm tama li dawn iż-żgħażagħ tant jibżgħu li jagħżlu li jkollhom imġiba tajba: "scared straight".[2]

X'inhi l-problema b'dan ir-raġunament? Ma jaħdimx. Għalkemm, mal-ewwel daqqa t'għajn tista' taħdem u tagħti l-impressjoni li dawn it-tfal qed jitgħallmu lezzjoni li hemm bżonn li jitgħallmuh, "Scared Straight" l-oriġinali u l-inkarnazzjonijiet iktar riċenti u iktar favorevoli tagħha wrew li mhumiex effettivi u saħansitra iktar jagħmlu ħsara milli kieku ma jsir xejn.[3] Dan huwa ħela ta' riżorsi prezzjużi li setgħu jintużaw għal affarijiet iktar utli.[4]

Sfortunatament, li t-tbeżżiegħ jibqa' jkun mekkaniżmu ta' prevenzjoni popolari fl-Unjoni Ewropea, taħt suriet differenti u f'oqsma oħra bħall-prevenzjoni tal-użu tad-droga.[5] Minkejja evidenza ċara għall-kuntrarju, hija fehma ġenerali li t-theddid ta' punizzjoni serja jbeżża' lin-nies milli jwettqu reat. Iżda jekk dan ma jimpedixxix reat b'mod effettiv, għaliex għadu qiegħed jiġi appoġġjat? Nistgħu biss naqtgħu, b'possibilitajiet li jvarjaw bejn il-ħtieġa li ttieħed azzjoni iebsa fuq il-kriminalità, il-ħtieġa li jintwera li qiegħda ssir xi ħaġa jew saħansitra għax xi atturi sempliċiment investew wisq kapital politiku u/jew ekonomiku biex dan ma jirnexxix.[6]

L-azzjoni etika li għandha ssir hawnhekk hija li dawn l-inizjattivi jiġu evalwati fuq l-impatt tagħhom, sabiex jiġi żgurat li r-riżorsi pubbliċi jintużaw sew. Jekk ir-riżultati jkunu pożittivi, tajjeb ħafna! Jekk jirriżultaw negattivi, u probabbilment dan huwa l-każ, għandhom isiru l-konklużjonijiet it-tajbin: li l-proġett jitneħħa gradwalment. Kwalunkwe perkors ta' azzjoni huwa sempliċiment perikoluż u mhux etiku: dawn huma *de facto* esperimenti mhux ikkontrollati u potenzjalment dannużi fuq it-tfal.[7]

## IŻDA GĦALIEX MA TAĦDIMX?: ID-DETERRENZA RIVEDUTA

L-argumentazzjoni li xi ħaġa ma taħdimx hija ħaġa waħda, li nispjegaw għaliex jgħinna nimxu 'l quddiem u lejn approċċi effettivi. Bħala tali, aħna nħarsu lejn il-mekkaniżmu essenzjali ta' kif dawn l-approċċi jiffokaw fuq is-severità ta' piena potenzjali u fuq il-wiri lit-tfal tal-agħar ħaġa li tista' tiġri jekk itwettqu reat: deterrenza.[8]

Bħala wieħed mill-mekkaniżmi l-iktar antiki tal-prevenzjoni tar-reati - l-idea tmur lura għall-filosofi tal-"Enlightenment" Beccaria and Bentham - id-deterrenza taħdem permezz tat-theddida ta' punizzjoni.[9] Id-deterrenza hija probabbilment l-iktar funzjoni preventiva importanti tas-sistema tal-ġustizzja kriminali[10], iżda t-theddida ta' sanzjoni tista' tiġi wkoll minn sorsi informali bħal ġenituri, pari jew komunità.[11]

Biex taħdem id-deterrenza, trid tbiddel il-proporzjon kostijiet-benefiċċji favur l-imġiba mixtieqa, jiġifieri l-imġiba li ma tiksirx il-liġi. Hemm tliet kundizzjonijiet f'dan ir-rigward: il-punizzjoni trid tkun serja biżżejjed, iżda xorta proporzjonata; trid issegwi r-reat malajr biżżejjed; u hemm bżonn ikun hemm ċertezza li din is-sanzjoni se ssegwi. Dawn it-tliet kundizzjonijiet jirrinforzaw lil xulxin, li jfisser li sentenza iebsa se jkollha effett deterrent żgħir jekk ma tiġix applikata b'mod rari.[12]

Din kienet eżattament il-mira tal-kritika tal-filosofi tal-"Englightenment". Huma argumentaw li l-approċċ ta' "azzjoni iebsa fuq il-kriminalità" essenzjalment kien difettuż, peress li sentenzi iktar iebsin ma wasslux għal effett preventiv.[13] Ir-riċerka riċenti tikkorrabora dawn l-argumenti bikrin u tikkonferma li ċ-ċertezza li se ssegwi punizzjoni hija l-iktar element effetti għall-prevenzjoni tal-kriminalità. Barra minn hekk, meta nħarsu lejn kif din iċ-ċertezza ta' punizzjoni taħdem fir-realtà u hija perċepita, naraw li din hija kkundizzjonata miċ-ċansijiet li wieħed jinqabad. Fi kliem ieħor, ir-riskju immedjat li wieħed jinqabad jidher li huwa l-iktar rilevanti għall-prevenzjoni tal-kriminalità.[14]

## Allura għaliex ma jaħdmux approċċi bħal "Scared Straight" u approċċi oħra bbażati fuq il-biża'?

Li huwa ta' rilevanza partikolari hawnhekk huwa li qiegħdin nittrattaw żgħażagħ. Dawn huma naturalment iktar suxxettibbli għat-teħid ta' riskji. Ir-riċerka newrobijoloġika uriet li huma jipproċessaw ir-riskju b'mod differenti minn adulti razzjonali. Barra minn hekk, l-għażliet individwali mhumiex importanti tant għaż-żgħażagħ daqs l-istimuli soċjali u emozzjonali. Fl-età tagħhom, huma jfittxu konferma immedjata mill-grupp u mill-pari. Jekk dawn il-pari jkollhom influwenza negattiva fuq l-imġiba tagħhom, kwalunwe messaġġ razzjonali dwarhom li jipperikola l-futur tagħhom mhux se jkollu effett.[15] Din hija r-raġuni għaliex dawn il-programmi jista' jkollhom l-effett oppost.[16] Jista' jidher "cool" li ma ssegwix il-messaġġ tal-ġenituri jew, agħar minn hekk, jista' jidher li hu aġir normali għal dawk il-pari. B'mod simili, il-kampanji għall-prevenzjoni tad-drogi b'mod partikolari rriżulta li kellhom effetti detrimentali, peress li jekk jintwera li apparentement "kulħadd jagħmel hekk" dan jista' jżid il-perċezzjoni li sabiex iħossuhom parti mill-grupp, iż-żgħażagħ għandhom jużaw id-drogi. [17]

### "SCARED STRAIGHT" U ARGUMENTI KUNTRARJI

**"Hawnhekk jaħdem"**

Il-kuntest huwa importanti, iżda anke l-governanza tajba. L-evalwazzjonijiet jista' jkollhom fokus predominantement Ango-Sassonu, iżda dawn is-sejbiet jipprovdu raġunijiet suffiċjenti sabiex ikun hemm kawtela. Kwalunkwe attur Ewropew bl-intenzjoni li jimplimenta approċċ simili għandu mill-inqas jipprovdi riżultati pożittivi sabiex jirribatti dawn l-argumenti. Kwalunkwe approċċ ieħor huwa sempliċiment perikoluż u irrisponsabbli. L-awturi tar-reviżjoni sistematika wissew fil-qosor: "Tippermetti tabib juża trattament mediku fuq it-tifel/tifla tiegħek kieku jkollu l-istess rekord ta' riżultati?"[18] Barra minn hekk, l-imħuħ jevolvu bl-istess mod madwar l-Atlantiku. L-imġiba ta' teħid tar-riskji hija tipika fit-tfal kollha, kullimkien.

**"Il-programm tagħna huwa iktar edukazzjonali u inqas konfrontazzjonali"**

Kien hemm xi varjanti ta' "Scared Straight", pereżempju fil-forma ta' turs edukazzjonali, mingħajr il-konfrontazzjoni spiss aggressiva mal-ħabsin, jew b'sessjoni sussegwenti sabiex l-informazzjoni titqiegħed f'perspettiva. Dawn l-innovazzjonijiet ma jindirizzawx il-problema b'dawn il-prattiki, peress li jkomplu jiffokaw fuq iż-żieda ta' sensibilizzazzjoni dwar is-severità tal-konsegwenzi u xorta jħeġġu r-reazzjonijiet opposti fiż-żgħażagħ. Ir-reviżjoni sistematika oriġinali inkludiet ukoll programmi inqas konfrontazzjonali, iżda dawn ipproduċew l-istess effetti: xejn.[19]

**"It-tfal u l-ġenituri jogħġobhom"**

Diversi programmi - mhux biss approċċi ta' "Scared Straight" - jistqarru li huma effettivi bbażati fuq is-sodisfazzjon tal-grupp fil-mira jew il-persunal tagħhom. [20] Madankollu, dan ma jgħidx ħafna dwar l-effettività tiegħu. L-evalwazzjonijiet ta' impatt robust biss jistgħu jagħmlu tali stqarrijiet.[21]

**"Il-programm diġà ġie implimentat f'ħafna lokazzjonijiet"**

Argument simili għal dak preċedenti, iżda hawn l-effettività hija preżunta fuq il-bażi tal-implimentazzjoni mifruxa tiegħu.[22] Għal darb'oħra, dan ma jagħti ebda prova tal-impatt attwali.

**Il-kuntest jista' jkun differenti, il-metodu tat-twassil jista' jkun differenti, jista' jkun li lit-tfal jogħġobhom,... ikun kemm ikun innovattiv, il-mekkaniżmu fis-seħħ *(jew le)* jibqa' l-istess. L-għan huwa li jinfluwenza l-aġir billi jiskoraġġixxi lin-nies billi jurihom il-konsegwenzi negattivi possibbli tat-twettiq ta' reat kriminali.**

Aspett ieħor huwa kif il-konsegwenzi potenzjalment negattivi huma kkomunikati lill-grupp fil-mira u pperċepiti minnu. Is-sors tal-messaġġ għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, peress li jrid ikun sors fdat biex ikun ta' suċċess.[23] Forsi, il-ħabsin mhumiex l-aqwa eżempji biex jgħallmu l-imġiba tajba. Minbarra s-sorsi mhux ta' min jafdahom u moralizzanti, iż-żgħażagħ huma kkonfrontati bl-agħar riżultati possibbli, jew eżaġerazzjoni ta' dawk il-konsegwenzi, jiġifieri s-severità tal-punizzjoni. Kif diskuss hawn fuq, pjuttost milli s-severità, id-deterrent tan-nies hija ċ-ċertezza tal-punizzjoni. Jekk niġu f'dan, mhux ir-reati u l-proċeduri kriminali kollha se jwasslu biex jintbagħtu l-ħabs jew jingħataw sentenzi għal għomorhom. Fi kliem ieħor, jekk il-messaġġ tal-biża' huwa perċepit bħala mhux probabbli u esaġerat, mhux se jintlaqa' mill-grupp fil-mira.[24]

Ir-raġunijiet għaliex "Scared Straight" u approċċi simili ma jirnexxux ma għandhomx jittieħdu bħala rakkomandazzjonijiet bil-kontra dwar x'għandu jkun l-approċċ korrett. Li jkun aċċertat li kull kriminal żgħażugħ jirċievi sentenza ta' għomru l-ħabs la huwa mixtieq u lanqas fattibbli. Li joħroġ minn dawn is-sejbiet, madankollu, huwa li t-tbeżżiegħ tat-tfal b'punizzjoni severa fl-aħjar każ mhuwiex effettiv, u fl-agħar każ huwa dannuż.[25] Minkejja l-intenzjonijiet tajbin, id-deterrenza ma taħdimx b'dan il-mod, lanqas għal dan il-grupp fil-mira. Ir-riċerka, madankollu, tissuġġerixxi xi approċċi bbażati fuq id-deterrenza li jaħdmu.

## META TAĦDEM ID-DETERRENZA?

L-effetti tad-deterrenza mhumiex l-istess għal kulħadd u mhux se jaħdmu bl-istess mod għall-popolazzjoni kollha.[26] Id-deterrenza se taffettwa biss lil dawk li huma predisposti jew li għandhom tentazzjoni biex iwettqu reat. Ħafna niex jobdu l-liġi irrispettivament mis-setgħat deterrenti tagħha. Bħala tali, jista' jiġi argumentat li d-deterrenza hija l-uniku approċċ effettiv fil-prevenzjoni sekondarja jew terzjarja.[27]

Fi kliem ieħor, iktar probabbli li tkun effettiva meta l-approċċ ikun immirat. Il-kombinament ta' dan l-approċċ immirat mal-ftehim li d-deterrenza taħdem b'mod predominanti permezz taċ-ċertezza ta' punizzjoni u, b'mod iktar speċifiku, iċ-ċertezza li jinqabdu, jurina li l-ħabsijiet u l-priġunieri mhumiex ideali biex jagħtu dan il-messaġġ. L-atturi ewlenin fl-approċċi ta' deterrenza effettivi huma l-pulizija u l-istrateġija tar-regolazzjoni li jirriżultaw f'kambjament kbir u viżibbli fir-riskju li jinqabdu.[28]



Qabel inkomplu b'dan l-argument, importanti li ssir distinzjoni bejn id-deterrenza u l-inkapaċitazzjoni. It-tieni waħda hija wkoll funzjoni tas-sistema tal-ġustizzja kriminali u regolazzjoni b'mod speċifiku, u timpedixxi lil kriminal milli jwettaq reat *mill-ġdid* billi jillimita l-kapaċità tagħhom li jagħmlu hekk. Sempliċiment, id-differenza ewlenija bejn id-deterrenza u l-inkapaċitazzjoni hija għalhekk li d-deterrenza taħdem biex timpedixxi l-kriminalità billi tinfluwenza r-riskju perċepit li jinqabdu qabel l-avveniment, filwaqt li l-inkapaċitazzjoni tillimita lill-kriminal milli jkompli bl-attivitajiet tiegħu jew iwettaq reati ġodda wara li jinqabad. L-inkapaċitazzjoni se jkollha effetti ta' prevenzjoni tal-kriminalità, iżda se teħtieġ rati iktar għolja ta' arrest u priġunerija u tuża ammont sinifikanti ta' riżorsi biex iżżomm l-effett.[29]

Il-prevenzjoni tal-kriminalità permezz tad-deterrenza, regolazzjoni tal-hotspots hija eżempju perfett ta' kif din taħdem f'approċċ immirat. Ir-riżorsi tal-pulizija huma ffukati fuq dawk li jissejħu "hotspots tal-kriminalità": żoni ġeografiċi żgħar b'rata għolja ta' kriminalità.[30] F'reviżjoni ta' 65 studju, Braga et al. (2019) ikkonkluda li dan l-approċċ għandu effetti żgħar iżda sinifikanti fuq il-kriminalità.

Addizzjonalment, mhux biss ikun hemm sinjali żgħar ta' spostament, huwa iktar probabbli li l-effetti jestendu lil hinn miż-żona mmirata. Billi jiffukaw l-isforzi u l-pattulji tagħhom, il-pulizija jżidu r-riskju li jsiru arresti f'dik iż-żona u effettivament jiskoraġixxu reati ta' drogi, reati ta' disturbi, reati kriminali fuq il-proprjetà u reati kriminali vjolenti.[31]

Kif nistgħu narawh hawnhekk, l-effetti huma msemmija għal reati speċifiċi. Minbarra l-grupp fil-mira jew il-post ġeografiku, it-tip ta' reat kriminali huwa wkoll fattur importanti biex taħdem id-deterrenza. Xi reati kriminali huma inqas influwenzati mid-deterrenza minn oħrajn. Reati kriminali emozzjonali, bħal pereżempju *crime passionel*, x'aktarx ma jkunux affettwati, filwaqt li d-deterrenza ffukata fuq reati kriminali iktar deliberati, bħal pereżempju, reati kriminali fuq il-proprjetà, għandha ċans ikbar li tirnexxi.[32]

Strateġija oħra ta' regolazzjoni li taħdem permezz ta' approċċ immirat filwaqt li żżid il-probabbiltà li wieħed jinqabad tissejjaħ "deterrenza ffukata", magħrufa wkoll bħala "regolazzjoni billi jinġibdu l-lievi" ("pulling levers policing"). [33] Din ġiet akkreditata li kellha effetti pożittivi, speċjalment meta mmirata lejn vjolenza relatata mal-gangs, iżda wkoll fuq trasgressuri reċidivi u swieq tad-drogi fil-miftuħ. Il-fattur ewlieni jikkonsisti fl-interazzjoni diretta mal-grupp fil-mira, u fl-iżgurar li huma jafu x'inhuma l-konsegwenzi tat-trasgressjoni persistenti u l-provvista ta' alternattivi vijabbli permezz ta' servizzi soċjali.[34] Il-komunità jew il-membri tal-familja jiddaħħlu wkoll fl-approċċ iktar wiesa', billi tittejjeb l-effikaċja kollettiva u l-kontroll informali ta' dik il-komunità, filwaqt li jitneħħew ukoll ftit mill-ġustifikazzjonijiet li jistgħu jużaw it-trasgressuri biex jimminimizzaw ir-responsabbiltà personali tagħhom. Il-qarrej attent jista' jinnota li "sensibilizzazzjoni" fil-fatt hija parti minn dan l-appoċċ. Waħedha, is-sensibilizzazzjoni ma għandhiex effett kbir. Iżda mmirata, kif inhi hawnhekk, inkorporata f'approċċ olistiku, joħroġ il-mertu tagħha.[35]

## L-OPERAZZJONI TA' WAQFIEN MILL-ĠLIED U REGOLAMENTAZZJONI ORJENTATA LEJN IL-PROBLEMI

Fattur importanti fis-suċċess ta' deterrenza ffukkata huwa kif din hija marbuta ma' regolamentazzjoni orjentata lejn il-problemi. Dan il-mod ta' ħidma jqiegħed l-enfasi ewlenija fuq il-valutazzjoni kif suppost tal-ħtiġijiet u l-problemi f'żona, biex ir-risposta għar-realtà lokali tiġi personalizzata.[36]

Eżemju tajjeb ta' dan l-approċċ huwa l-operazzjoni tat-Twaqqif tal-Ġlied ġewwa Boston (Boston Ceasefire operation), sabiex titnaqqas il-vjolenza bil-pistoli relatata mal-gangs.[37] Flimkien ma' infurzar immirat fuq traffikanti tal-armi, il-pulizija żguraw li l-membri tal-gangs kienu jafu x'inhuma l-konsegwenzi jekk ikomplu bil-vjolenza tagħhom.[38] Is-sanzjonijiet ġew ikkomunikati u l-kollaborazzjoni bejn l-uffiċċju tal-prosekutur lokali żguraw li l-prosekuzzjonijiet ġew segwiti. Peress li ħafna minnhom diġà kellhom akkużi kriminali kontrihom, dawn ġew sospiżi u potenzjalment imwaqqa', sakemm kulħadd żamm mar-regoli miftiehmin. Jekk individwi wieħed biss kellu ma jżommx mal-ftehim, l-akkużi jerġgħu jinfetħu għall-membri kollha tal-grupp. Dan, naturalment, ħoloq pressjoni bejn il-pari fost il-gangs biex jevitaw milli jipparteċipaw f'rati kriminali vjolenti. Messaġġi ddisinjati sew, magħmulin apposta u rriċerkati biss jistgħu jiksbu dan, flimkien man-netwerk ta' appoġġ it-tajjeb. Il-komunikazzjoni mat-tim ma baqgħetx taħdem, l-approċċ ta' metodi mħalltin ta' deterrenza ffokata iva: ir-rati tal-omiċidju fost iż-żgħażagħ naqsu b'ammont xokkanti ta' 63%, u l-attakki bil-pistoli naqsu b'25%.[39]

# KONKLUŻJONI

Id-deterrenza bla dubju għandha l-valur tagħha, iżda biss jekk tintuża bil-mod korrett. "Scared Straight" u approċċi oħrajn ibbażati fuq il-biża' jiffokaw fuq is-severità ta' punizzjoni u fuq il-wiri lit-tfal l-agħar ħaġa li tista' tiġri jekk iwettqu reati kriminali. Dawn l-approċċi jiffaċċjaw kritika fuq tħassib etiku biss,[40] iżda wkoll ma jirnexxielhom juru ebda effett pożittiv. Kwalunkwe attur tal-prevenzjoni ta' reati kriminali għandu jkun konxju tal-effetti negattivi potenzjali ta' dan it-tip ta' programm, u jasal għall-konklużjonijiet tiegħu.[41]

B'kuntrast ma' dan, jeżistu fil-fatt approċċi ta' deterrenza effettivi meta jkunu ffukati fuq il-kriminalità, grupp fil-mira jew sfond ġeografiku u meta jkunu mmirati biex jelevaw iċ-ċertezza ta' punizzjoni. L-istrateġiji tar-regolamentazzjoni b'dan it-tip ta' fokus u b'effetti viżibbli fuq ir-riskju li jinqabdu għandhom effetti pożittivi, skont evidenza xjentifika robusta.

# Endnotes


1 A. Petrosino, C. Turpin-Petrosino, and J.O. Finckenauer, Well-Meaning Programs Can Have Harmful Effects! Lessons from Experiments of Programs Such as Scared Straight, *Crime & Delinquency* 46:3 (2000); European Crime Prevention Network, Awareness-Raising Never Hurts, Does It?, Mythbuster, Brussels: EUCPN, forthcoming.

2 A. Petrosino, C. Turpin-Petrosino, M.E. Hollis-Peel, and J.G. Lavenberg, Scared Straight and Other Juvenile Awareness Programs for Preventing Juvenile Delinquency: A Systematic Review, *Campbell Systematic Reviews* 9:1 (2013), https://dx.doi.org/10.4073/csr.2013.5.

3 Ibid.

4 D.P. Farrington and B.C. Welsh, The Science and Politics of Crime Prevention: Toward a New Crime Policy, in: D.P. Farrington and B.C. Welsh (Eds.), *The Oxford Handbook of Crime Prevention*, Oxford: Oxford University Press, 2012; Petrosino et al., Well-Meaning Programs Can Have Harmful Effects! Lessons from Experiments of Programs Such as Scared Straight.

5 J. Esrick, R.G. Kagan, J.T. Carnevale et al., Can Scare Tactics and Fear-Based Messages Help Deter Substance Misuse: A Systematic Review of Recent (2005–2017) Research, *Drugs: Education, Prevention and Policy* 26:3 (2019), https://dx.doi.org/10.1080/09687637.2018.1424115; EMCDDA, Mass Media Campaigns for the Prevention of Drug Use in Young People, Lisbon, 2013, http://www.emcdda.europa.eu/publications/pods/mass-media-campaigns_en.

6 Petrosino et al., Scared Straight and Other Juvenile Awareness Programs for Preventing Juvenile Delinquency: A Systematic Review; Petrosino et al., Well-Meaning Programs Can Have Harmful Effects! Lessons from Experiments of Programs Such as Scared Straight; Farrington and Welsh, The Science and Politics of Crime Prevention: Toward a New Crime Policy; European Society for Prevention Research, Position of the European Society for Prevention Research on Ineffectve and Potentially Harmful Approaches in Substance Use Prevention, 2019, http://euspr.org; A.V. Papachristos, Too Big to Fail: The Science and Politics of Violence Prevention, *Criminology & Pub. Pol'y* 10 (2011); J.O. Finckenauer, "Scared Straight" and the Panacea Phenomenon: Discussion, *Annals of the New York Academy of Sciences* 347:1 (1980), https://dx.doi.org/10.1111/j.1749-6632.1980.tb21271.x.

7 Finckenauer, "Scared Straight" and the Panacea Phenomenon: Discussion; J. McCord, Cures That Harm: Unanticipated Outcomes of Crime Prevention Programs, *The Annals of the American Academy of Political and Social Science* 587:1 (2003), https://dx.doi.org/10.1177/0002716202250781.

8 Petrosino et al., Scared Straight and Other Juvenile Awareness Programs for Preventing Juvenile Delinquency: A Systematic Review; T. Bjørgo, *Preventing Crime: A Holistic Approach*, Basingstoke: Palgrave Macmillan, 2016.

9 D.S. Nagin, Deterrence in the Twenty-First Century, *Crime and Justice* 42:1 (2013), https://dx.doi.org/10.1086/670398.

10 D.S. Nagin, Deterrence: A Review of the Evidence by a Criminologist for Economists, *Annual Review of Economics* 5:1 (2013); T.A. Loughran, R. Paternoster, and D.B. Weiss, Deterrence, in: A.R. Piquero (Ed.), *The Handbook of Criminological Theory*, Chichester, West Sussex: Wiley, 2015.

11 Bjørgo, *Preventing Crime: A Holistic Approach*.

12 Nagin, Deterrence in the Twenty-First Century; Loughran et al., Deterrence.

13 Nagin, Deterrence: A Review of the Evidence by a Criminologist for Economists.

14 Nagin, Deterrence in the Twenty-First Century.

15 Is-Soċjetà Ewropea għar-Riċerka dwar il-Prevenzjoni, il-Pożizzjoni tas-Soċjetà Ewropea għar-Riċerka dwar il-Prevenzjoni dwar l-Approċċi Ineffettivi u Potenzjalment Dannużi fil-Prevenzjoni tal-Użu mis-Sustanzi.

16 M.P. Rubenson, K. Galbraith, O. Shin et al., When Helping Hurts? Toward a Nuanced Interpretation of Adverse Effects in Gang-Focused Interventions, *Clinical Psychology: Science and Practice* (2020); McCord, Cures That Harm: Unanticipated Outcomes of Crime Prevention Programs.

17 Is-Soċjetà Ewropea għar-Riċerka dwar il-Prevenzjoni, Pożizzjoni tas-Soċjetà Ewropea għar-Riċerka dwar il-Prevenzjoni dwar l-Approċċi Ineffettivi u Potenzjalment Dannużi fil-Prevenzjoni tal-Użu mis-Sustanzi; Netwerk Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità, il-Prevenzjoni ta' Kriminalità Relatata mad-Drogi: Il-Kisba ta' Bidla Effettiva fl-Imġiba, Toolbox Series Nru 16, Brussell: EUCPN, 2020, https://eucpn.org/toolbox16-drugrelatedcrimes.

18 Petrosino et al., Scared Straight and Other Juvenile Awareness Programs for Preventing Juvenile Delinquency: A Systematic Review.

19 Ibid.

20 McCord, Cures That Harm: Unanticipated Outcomes of Crime Prevention Programs.

21 European Society for Prevention Research, Position of the European Society for Prevention Research on Ineffectve and Potentially Harmful Approaches in Substance Use Prevention; B.C. Welsh and D.P. Farrington, Evidence-Based Crime Policy, in: M. Tonry (Ed.), *The Oxford Handbook of Crime and Criminal Justice*, Oxford: Oxford University Press, 2011; Petrosino et al., Well-Meaning Programs Can Have Harmful Effects! Lezzjonijiet minn Esperimenti ta' Programmi Bħal "Scared Straight".

22 Is-Soċjetà Ewropea għar-Riċerka dwar il-Prevenzjoni, il-Pożizzjoni tas-Soċjetà Ewropea għar-Riċerka dwar il-Prevenzjoni dwar l-Approċċi Ineffettivi u Potenzjalment Dannużi fil-Prevenzjoni tal-Użu mis-Sustanzi.

23 European Crime Prevention Network, Awareness-Raising Never Hurts, Does It?

24 European Crime Prevention Network, Preventing Drug-Related Crimes: Achieving Effective Behavioural Change; Esrick et al., Can Scare Tactics and Fear-Based Messages Help Deter Substance Misuse: A Systematic Review of Recent (2005–2017) Research.

25 Petrosino et al., Scared Straight and Other Juvenile Awareness Programs for Preventing Juvenile Delinquency: A Systematic Review.

26 Nagin, Deterrence in the Twenty-First Century.

27 Bjørgo, *Preventing Crime: A Holistic Approach*; N. Tilley, Middle-Range Radical Realism for Crime Prevention, in: R. Matthews (Ed.), *What Is to Be Done About Crime and Punishment?*, Basingstoke: Palgrave Macmillan, 2016.

28 Loughran et al., Deterrence; Nagin, Deterrence in the Twenty-First Century; Nagin, Deterrence: A Review of the Evidence by a Criminologist for Economists.

29 Nagin, Deterrence: A Review of the Evidence by a Criminologist for Economists.

30 D. Weisburd, The Law of Crime Concentration and the Criminology of Place, *Criminology* 53:2 (2015).

31 A.A. Braga, B. Turchan, A.V. Papachristos, and D.M. Hureau, Hot Spots Policing of Small Geographic Areas Effects on Crime, *Campbell Systematic Reviews* 15:3 (2019); Nagin, Deterrence: A Review of the Evidence by a Criminologist for Economists; Loughran et al., Deterrence.

32 Bjørgo, *Preventing Crime: A Holistic Approach*.

33 A.A. Braga, D. Weisburd, and B. Turchan, Focused Deterrence Strategies Effects on Crime: A Systematic Review, *Campbell Systematic Reviews* 15:3 (2019).

34 Ibid.

35 European Crime Prevention Network, Awareness-Raising Never Hurts, Does It?

36 Braga et al., Focused Deterrence Strategies Effects on Crime: A Systematic Review.

37 Tilley, Middle-Range Radical Realism for Crime Prevention.

38 Nagin, Deterrence in the Twenty-First Century.

39 Braga et al., Focused Deterrence Strategies Effects on Crime: A Systematic Review.

40 Netwerk Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità, Il-Prevenzjoni ta' Reati Kriminali Relatati mad-Drogi: il-Kisba ta' Bidla fl-Imġiba Effettiva.

41 McCord, Cures That Harm: Unanticipated Outcomes of Crime Prevention Programs; Farrington and Welsh, The Science and Politics of Crime Prevention: Toward a New Crime Policy.

**Ċitazzjoni**

EUCPN (2020). Sfaxxatur tal-Miti: Avviż, dan il-messaġġ jista' jiddisturbak... Brussell: EUCPN.

**Avviż legali**

Il-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni uffiċjali ta' xi Stat membru jew ta' xi aġenzija jew istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea jew tal-Komunitajiet Ewropej.

**Awturi/edituri**

Jorne Vanhee, Uffiċjal tar-riċerka, Segretarjat tal-EUCPN.

Parti mill-proġett "Segretarjat EUCPN", Frar 2021, Brussell

Bl-appoġġ finanzjarju tal-Fond għas-Sigurtà Interna tal-Unjoni Ewropea - il-Pulizija